Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/14*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 14 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ħamis 13 ta' Frar, 2014 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Mario Mizzi.

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 7-13

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħat preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Financial Statements 2013

Is-Segretarju Eżekuttiv kien qassam id-dokument tal-Financial Statements 2013 ippreparat minn JCA Ltd lill-membri kollha. Il-Kunsill iddiskuta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill u qabel li matul din is-sena li għadna kif bdejna m'għandhomx isiru proġetti kapitali kbar sabiex jiġi eliminat l-iżbilanċ li sar. Il-Kunsill innota li matul is-sena 2013 tħallsu kontijiet li kienu ġejjien mis-snin ta' qabel u għalhekk mill-Kunsill preċedenti fosthom dwar servizz ta' open skips u anke xiri ta' konkos biex saret il-manutenzjoni ta' Triq Wied L-Għasri. Issa l-Kunsill ma' għandux aktar kontijiet pendenti u għalhekk matul din is-sena 2014 għandu jiġi eliminat l-iżbilanċ u anke jitħalla bilanċ. Il-Kunsill approva unanimament il-Financial Statements 2013. Dawn l-statements għad jistgħu ikunu aġġustati mill-udituri tal-Gvern peress li għad irid isir l-awditjar fil-ġimgħat li ġejjien.

## 4. Korrispondenza

4.01 Memo 06/2014 – Ħaddiema tal-IPSL, ex-WSC u tal-Iskemi tal-ETC fil-Kunsilli Lokali. L-informazzjoni mitluba ser tinbgħat lid-Dipartiment.

4.02 Ms Jeanette Abdilla mill-Monitoring Unit tad-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali talbet lill-Kunsill jispjega kif mexa mar-rakkomandazzjonijiet li għamel l-awditur fir-rapport tiegħu għas-sena 2012. Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tal-awditur kif ukoll ir-risposta li kien ta għall-ittra ta' direzzjoni. Il-Kunsill qabel li matul din is-sena ġew esegwiti r-rakkomandazzjonijiet li saru mill-awditur.

4.03 Is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita u Anzjanita Attiva l-Onor. Franco Mercieca informa lill-Kunsill dwar kompetizzjoni annwali ġdida intitolata A+ Accessibility Award. L-għan ta' din il-kompetizzjoni hi li Kunsilli Lokali jinvestu fi proġetti li jżiedu l-aċċessibbilita' għall-persuni b'diżabilita'. L-applikazzjonijiet għandhom jaslu sat-30 ta' Marzu 2014.

**5. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-14 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**6. Materja oħra**

6.01 Carmen Sultana ta' Triq tal-Fanal talbet biex il-bankina tagħha titranġa bis-siment. Il-Kunsill qabel li isir ix-xogħol meħtieġ mill-ħaddiem tal-iskema tal-ETC.

6.02 Joe Saliba ta' Triq tal-Fanal talab biex il-bankina tiegħu titranġa bis-siment. Il-Kunsill qabel li isir ix-xogħol meħtieġ mill-ħaddiem tal-iskema tal-ETC.

6.03 Kif propost fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv ipprepara skeda dwar it-tindif ta' toroq. Il-Kunsill iddiskuta dwar kif għandha tkun il-frekwenza ta' tindif ta' kull triq. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv se jiltaqgħu mal-kuntrattur Godfrey Borg sabiex jinfurmawh b'din l-iskeda u wara nibgħatu l-iskeda lir-residenti u b'hekk huma wkoll ikunu infurmati.

6.04 Is-Sindku ippropona sabiex l-ewwel Tlieta ta' kull xahar jibda jinġabar il-ħġieġ flokk l-iskart riċiklabbli permezz tal-borża l-griża. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Għalhekk ser isiru l-avviżi biex ir-residenti ikunu infurmati dwar dan.

6.05 Kif kien ġie diskuss aktar kmieni, is-Sindku ippropona sabiex issir ħarġa għall-familja f'Malta. Huwa ippropona li l-ħarġa issir nhar il-Ħadd 23 ta' Frar u inżuru l-monti ta' Marsaxlokk u Montekristo Animal Park.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ġimgħa 21 ta' Marzu, 2014 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |